MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 35

17 ta' Jannar 2022

Minuti tas-seduta Nru. 35 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 2022 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 34, li saret fl-21 ta' Diċembru 2022, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

**2.1.1. *Mobile App* tal-Kunsill (I/1/3/Vol VI)**

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.1.4. tas-seduta preċedenti, rigward modifiki li kellhom jsiru fl-app peress li l-pjattaforma wżata biex tinbena l-app oriġinali, ma baqatx aktar onlajn. Permezz ta' imejl datat 23 ta' Diċembru 2021, il-fornitur tas-servizz għadda kopja ta' żewġ imejls datati 31 ta' Awwissu u 15 ta' Settembru 2021, fejn ġibed l-attenzjoni għat-tibdil li kien hemm biex wieħed jaċċessa l-app fl-intier tagħha.

2.1.3. Il-Kunsill innota l-korrispondenza msemmija.

**2.2.1. Inizjattivi marbuta mal-epidemija tal-Covid-19 (D/4)**

2.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk inġabrux il-maskri offruti mid-ditta Norwex Malta Ltd sabiex jitqassmu lir-residenti tal-Mellieħa.

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li fiċ-ċirkostanzi l-preżenza tal-publiku fl-uffiċċju qed tiġi limitata, filwaqt li l-maskri mhumiex ipparkkjati ndividwalment. Għaldaqstant huwa ppropona li jinstab metodu ieħor kif jitqassmu l-maskri offruti.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu mgħoddija lill-Parroċċi tal-Mellieħa u l-Manikata, l-għaqdiet, liċ-Ċentru tal-Anzjanità Attiva, l-Iskola Primarja, u finalment lill-operaturi tal-ħwienet.

### 2.3.1. Rendikont finanzjarju - Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi

**(A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/3/6/Vol VIII)**

2.3.2. Is-Sindku D. Vella ressaq rendikont tal-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet imsemmija li kienu jammontaw għall-€51,256, kontra dħul ta' €5,688 li ġej minn *sponsorship* u dħul ta' €23,182 taħt l-iskema *SPI*/SCI/6/2021. B'hekk huwa stmat li l-ispiża mill-fondi ordinarji tal-Kunsill ser tammonta għall-€22,386.

2.3.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Nomini għall-*Malta Film Awards* (N/1/Vol II)

2.4.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 22 ta' Diċembru 2021, fejn il-Malta Film Commission stiednet lill-Kunsill jinnomina żewġ postijiet fil-lokalità li l-aktar kienu mfittxija fil-produzzjoni ta' films fil-passat. Huwa kompla jgħid li ġew sottomessi l-Bajja tal-Mixquqa (Golden Bay) u Tal-Prajjet (Anchor Bay). Is-Sur D. Vella qal ukoll li l-premju huwa ta' €25,000, u s-serata tal-preżentazzjoni ser issir fid-29 ta' Jannar 2022.

2.4.3. Il-Kunsill innota 1 approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.5.1. *European Hillclimb Championship* (A/6/3 Vol XI)

2.5.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 2 ta' Jannar 2022, fejn l-Island Car Club għarraf l-intenzjoni li jorganizzaw il-kampjonat imsemmi. Għaldaqstant talbu laqgħa mal-Kunsill sabiex jispjegaw tibdil infrastrutturali meħtieġ fi sabiex dan ikun jista' iseħħ.

2.5.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir fit-2 ta' Frar 2022.

### 2.6.1. Introduzzjoni ta' *Bus Interchange* fi Triq Selmun (T/5/1/Vol II)

2.6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf fit-13 ta' Jannar 2022 saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent, Transport Malta, u l-perit tal-Kunsill. Għan naħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu, is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur C. Debono. Fl-istess laqgħa, l-uffiċjali tal-ERA ressqu tliet postijiet fejn jista' issir l-*interchange* bil-għan li jiġi evitat it-teħid ta' art 'l barra miż-żona tal-iżvilupp. Dawn kienu jinvolvu: (a) Triq l-Iżbark tal-Franċiżi; (b) Triq Selmun fejn il-kappella; jew (ċ) fejn il-Palazz ta' Selmun.

2.6.3. Is-Sur J. Buttigieg spjega li n-naħa tal-Kunsill oġġezzjonat għall-proposta (a) fid-dawl tal-ilmenti li kien hemm fil-passat mir-residenti minħabba tniġġis bi ħsejjes u dħaħen, sitwazzjoni li issa saret iktar prekarja bil-binja ġdida konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza. Dwar il-proposti (b) u (ċ), kien hemm oġġezzjoni minn naħa tal-uffiċjal ta' Transport Malta minħabba l-ivvjaġġar żejjed li jinvolvu. Ġie spjegat li t-teħid ta' medda żgħira mill-ODZ għandu jiġi ekwiparat mat-tnaqqis ta' traġitt mit-toroq ewlenin fiċ-ċentru urban, fejn finalment ser jitnaqqas it-tniġġiż b'mod sinifikanti. Fid-dawl ta' dawn l-oġġezzjonijiet, l-uffiċjali tal-ERA talbu jsiru *spot levels* minn *surveyor* sabiex jiġi stabbilit eżattament kemm il-proposta tal-Kunsill ser tinvolvi art mill-ODZ. Dan bil-għan li tingħata aktar konsiderazzjoni mill-ERA lill-proposta mressqa mill-Kunsill.

2.6.4. Il-Kunsill innota u l-iżviluppi li kien hemm fuq din il-materja.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Operat tal-Mellieħa Scout Group (S/6/Vol IV)(G/1)

3.1.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 31 tas-27 ta' Settembru 2021, dwar is-suġġett t'hawn fuq, u staqsa jekk kienx sar xi kuntatt mal-awtoritajiet konċernati sabiex isir magħruf jekk hemmx skemi mnedija mill-Gvern Ċentrali ntiżi li jgħinu lill-għaqdiet mhux governattivi b'rabta mal-pandemija Covid-19.

3.1.3. Il-Kunsill assenja lill-Kunsillier K. Buttigieg sabiex jieħu ħsieb il-kuntatti meħtieġa.

### 3.2.1. Kjosk f'għalqa biswit Triq Selmun (C/6/Vol VIII)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għal kjosk li ġie pparkjat fil-parti ta' barra ta' Triq Selmun. Huwa appella sabiex jiġi kkuntattjat is-sit sabiex dan jitneħħa.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

### 3.2.1. Tiswija ta' Triq l-Imsell (D/3/1/Vol V)

3.2.4. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk hemmx pjanijiet biex jissewwa l-wiċċ tat-triq imsemmija.

3.2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saret ordni fit-22 ta' Diċembru 2021sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 14/01/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/12/21 – 14/01/22;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 15/12/21 – 31/12/21;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana – 10/12/21;
- Minuti tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana – 17/01/22;
- Stqarrijiet Finanzjarji – Reġjun Tramuntana 2021;
- Estimi – Reġjun Tramuntana – 2022; u
- Rendikont finanzjarju - Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Użu ta' art fi biswit Triq l-Għerien u Triq l-Etna (T/4/8/2/Vol II)

5.1.2. Saret referenza għal sejħa għall-offerti 122/2021 maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex l-art imsemmija tingħata b'kera għall-15-il sena għat-trobbija tan-naħal, liema sejħa kienet tagħlaq fis-6 ta' Jannar 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li wara laqgħa nformali li attendew għaliha, il-membri kollha tal-Kunsill minbarra s-Sinjuri M. Abela u G. Micallef, li kienu skużati, ġie deċiż li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Kap Eżekuttiv u ċ-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, kif ukoll mal-Ministru tal-Ekonomija u l Industrija, fejn il-Kunsill jesprimi l-oġġezzjoni tiegħu għall-użu ndikat, billi l-art in kwistjoni tinsab qrib ħafna bini residenzjali, kif ukoll tiġi biswit triq iffrekwentata mill-pubbliku minħabba. Għadaqstant intalab li din is-sejħa tiġi rtirata.

5.1.3. Il-Kunsill irratifika l-azzjoni li ttieħdet, filwaqt li ġie nnutat li s-sejħa ġiet irtirata mill-Awtorità tal-Artijiet.

**5.2.1. Referenza għall-artiklu ta' Alfred Vella fil-ktieb "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien"** **(P/4/5/Vol III)**

**5.2.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għal imejl datat 11 ta' Jannar 2022, fejn intalab permess sabiex issir referenza għal kapitlu miktub minn Alfred Vella fl-ewwel volum tal-pubblikazz "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa Through The Tides of Time".

**5.2.3.** Il-Kunsill ma sabiex oġġezzjoni.

**5.3.1. Pubblikazzjoni ta' *paper* dwar l-ipparkjar** **(T/3/5)**

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għad-dokument imsemmi li ġie ppubblikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-1 ta' Diċembru 2021 bħala parti mill-Viżjoni 2024. L-Assoċjazzjoni qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali jikkummentaw u jagħtu s-suġġerimenti tagħhom dwar dan id-dokument.

5.3.3. Wara diskussjoni waqt laqgħa nformali bejn il-kunsillieri li ssejħet apposta fit-28 ta' Diċembru 2021, kien hemm qbil li għandhom jressqu l-proposti li ġejjin:

(i) Faċilitajiet għall-ipparkjar eżistenti f'postijiet pubbliċi, bħalma huma skejjel, u uffiċini, l-użu tagħhom għandu jiġi massimiżżat u estiż għall-pubbliku in ġenerali, waqt li dawn ma jkunux qed jintużaw wara l-ħinijiet tax-xogħol, tmiem-il ġimgħa, u btajjel. Dan l-użu jsir bi ħlas biex jiffinanzja l-immaniġġjar u s-sigurtà tal-faċilitajiet in kwistjoni. L-istess prinċipju jsir f'parkeġġi privati li jinsabu f'postijiet urbani, bħalma huma *supermarkets*, fejn l-utenti anke jistgħu jidħlu fi ftehim fit-tul dwar il-ħinijiet u l-ġranet li jista' isir użu mill-parkeġġ bi ħlas.

(ii) Min jixtri post ta' abitazzjoni għall-ewwel darba għandu jiġi nċentivat fiskalment sabiex jakkwista, jew jikri garaxx fl-istess binja jew żona. Dan effettivament jista' isir permezz ta' sussidju fuq self mill-banek, tnaqqis fit-taxxa tal-boll, eċċ.

(iii) Il-liġi għandha tipprojbixxi l-iċċarġjar tal-batteriji tal-vetturi fit-triq, fejn tali faċilità tkun installata f'garaxxijiet privati. Bl-istess mod, għandu jkun illegali li jitħallew *cables* fuq bankini, *driveways*, jew fil-karreġġjata, minħabba l-perikli li dawn joħolqu.

(iv) L-operaturi ta' stabbilimenti kummerċjali mgħammra bil-faċilitajiet għall-ipparkjar magħhom, għandhom jiġu nċentivati sabiex dawn jinstallaw *EV charging pillars*, li wieħed jista' jużahom waqt li jkun jinqeda fl-istess stabbiliment. B'dan il-mod ikun hemm inqas ħtieġa li jittieħed aktar spazju minn parkeġġi pubbliċi.

(v) Utenti ta' garaxxijiet, li ma jkollhomx daħla komuni, għandhom jitħallew jipparkjaw quddiemhom sabiex jiġi evitat li dawn jokkupaw spazzji oħra meta l-vettura tagħhom titħalla barra għal intervalli qosra.

(vi) Operaturi ta' *workshop garages*, għandhom jiġu pprojbiti milli jħallu vetturi pparkjati fit-triq tul-il perjodu li dawn ikunu qed jissewwew.

(vii) It-toroq f'żoni urbani kollha għandhom ikunu mmarkati bil-*parking bays*, primarjament sabiex ikun hemm anqas ħela ta' spazju. B'dan il-mod ikun aktar faċli li tinġabar *data* dwar il-kapaċità f'dak li huwa pparkjar, li attwalment ma teżistix statistika dwaru. Jekk wieħed ikejjel l-kapaċità b'dan il-mod, id-*data* li tinġabar tkun preċiża, peress li l-*parking bays* ma jsirux quddiem garaxxijiet, driveways eċċ.

(viii) Is-servizz tal-karozzi tal-linja ma jibqax jgħaddi biss miċ-ċentri tal-lokalitajiet, iżda jinfirex għal żoni urbani oħra fl-istess lokalitajiet, partikularment dawk ta' ċertu daqs. B'hekk is-servizz ikun qed jinġieb qrib firxa akbar ta' residenti, partikularment dawk ta' ċerta età li jsibuha diffiċli li jużaw il-vettura tagħhom.

(ix) L-ipparkjar ta' *caravans* u *campers* fit-tul qed inaqqas il-kapaċità tal-parkeġġi li jeżistu qrib ix-xtut l-aktar imfittxija. Għaldaqstant huwa importanti li jinħolqu *caravan sites* attrezzati ħalli jkun hemm alternattivi li jippermettu regolamentazzjoni dwar il-projbizzjoni ta' *caravans* u *campers* fil-parkeġġi.

(x) Sa fejn jippermettu l-Pjanijiet Lokali, artijiet tal-gvern jistgħu jiġu devoluti, bil-għan li jiġu żviluppati bħala parkeġġi amministrati mil-Kunsilli Lokali. Dan il-għan possibilment jista' jintlaħaq permezz ta' self mill-Malta Investment Bank, li jitħallas lura permezz tad-dħul iġġenerat mill-użu, u sorsi oħra bħad-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.3.4. Il-Kunsill innota l-punti li tressqu u approva l-azzjoni li ttieħdet sad-data stabbilita.

## 5.4.1. Bust ta' Jimmy Muscat (M/9)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li attwalment qed tiġi pproċessata l-applikazzjoni DN 1390/21 sabiex jitwaqqaf il-bust imsemmi f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fuq il-lemin tal-ark li jwassal għall-Bitħa tas-Santwarju. Fil-proċess li għaddej mal-Awtorità tal-Ippjanar, is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali qed toġġezzjoni għal dan u talbet lill-Kunsill jikkonsidra post alternattiv.

5.4.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li dan isir fil-parti ċentrali mal-ġenb tal-misraħ li jiġi biswit Triq il-Marfa.

5.4.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.4.3. aktar 'il fuq.

## 5.5.1. Sessjonijiet tal-pilates fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva (A/1/2/Vol VII)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Jannar 2022 fejn l-għalliema konċernata talbet sabiex tkompli s-sessjonijiet imsemmija b'mod virtwali minħabba l-imxija Covid-19.

5.5.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li, minn kuntatti li saru mal-awtoritajiet tas-Saħħa, irriżulta li l-għalliema tista' tkompli x-xogħol tagħha miċ-Ċentru tal-Anzjanità Attiva.

5.5.4. Fid-dawl tal-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li s-sessjonijiet għandhom jibqgħu jsiru bil-preżenza fiżika tal-għalliema fiċ-ċentru.

## 5.6.1. Aċċess għal parti ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa / il-Barkazza (T/4/7/Vol III)

5.6.2. Saret referenza għal imejl tad-9 ta' Jannar 2021, fejn il-Kunsillier G. Micallef irrefera għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari dwar l-asfaltar tat-toroq imsemmija. Is-Sur Micallef qal li rrispettivament mit-tweġibiet li ngħataw, kif ukoll mill-pożizzjonijiet meħuda mill-proprjetarji u r-residenti, il-Kunsill għandu jirrikonoxxi li l-istat tat-triq mhux aċċettabbli. Għaldaqstant għandu jsib rimedju qabel is-sitwazzjoni tiggrava, billi:

(a) Is-sidien ta' proprjetajiet fl-inħawi jiġu mfakkra fl-obbligi legali tagħhom;

(b) Il-Kunsill, bil-parir ta' perit tiegħu, jara kif itejjeb l-istat tat-toroq in kwistjoni bir-riżorsi diżponnibbli; u

(c) Issir talba uffiċjali lill-awtoritajiet konċernati sabiex jintervjenu u jagħtu l-għajnuna neċċessarja.

5.6.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-Infrastructure Malta hija konxja tas-sitwazzjoni u għaldaqstant huwa obbligu tagħha li tikkonsulta u tinforma uffiċjalment lill-Kunsill dwar l-intenzjonijiet tagħha.

5.6.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-kuntatti meħtieġa sabiex jiġi stabbilit l-intervent li jista' hemm maħsuba għat-toroq in kwistjoni da parti ta' Infrastructure Malta.

**5.7.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq il-Qarnit** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.7.2. Saret referenza għal imejl datata 22 ta' Novembru 2021, fejn l-operatur ta' Luna Mini-Market tenniet talba sabiex isiru faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Qarnit quddiem *mini-market* li hemm fl-istess triq. Il-Kunsill ġie mfakkar li Transport Malta kienet irrifjutat din it-talba minħabba li mhemmx il-minimu ta' sitt negozji oħra fl-istess triq skont il-*policy* ta' *Transport Malta Permanent traffic management policies and guidelines* – 5.7.9. (e).

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir appell lil Transport Malta sabiex it-talba tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fid-dawl tal-fatt li qed isir pparkjar doppju, bir-riżultat li sakemm tinħatt il-merkanzija t-triq tkun imblukkata. Kien hemm qbil li l-faċilità għandha tingħata mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am u s-1:00pm.

**5.8.1. *Dispensers* għall-ilma tax-xorb fuq il-promenade tal-Għadira** **(W/2/Vol II)**

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Jannar 2022, mibgħut minn ClearFlow+ Ltd, li hija sussidjarja tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, sabiex ipoġġu makna għall-bejgħ ta' ilma fi Triq il-Marfa qrib il-*bus stop* faċċata tar-*roundabout* fil-parti tan-nofs tal-bajja.

5.8.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa skont il-liġi.

**5.8.1. Kirjiet fuq proprjetà devoluta** **(A/6/7/Vol II)**

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal korrispondenza datata 12 u 14 ta' Jannar 2022 mibgħuta mill-Awtorità tal-Artijiet dwar ir-reviżjoni ta' kuntratti li jikkonċernaw it-Torri l-Abjad u x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-każ tal-ewwel minn €250 telgħet għal €2,620 (11-il darba iktar), u fil-każ tat-tieni minn €100 telgħat €5,150 (52 darba iktar). Kompla jgħid li dawn huma biss tnejn minn fost għaxar proprjetajiet, li kemm-il darba ser jiġu applikati l-istess rati, l-impatt fuq in-nefqa tal-Kunsill ikun sinifikanti.

5.8.3. Il-Kunsill innota li ġew infurmati d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali billi l-beni kollha devoluti lill-Kunsill mhemm ebda ntrojtu minnhom.

**5.8.4. Skema dwar il-Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields*** **(P/4/6/Vol VI)**

5.8.5. Saret referenza għall-ċirkulari SPI.SCI.1.2022 tad-17 ta' Jannar 2022, mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ssuġġerixxa li għandhom jinbidlu d-dwal ta' fuq l-arbli li jinsab fil-*playingfield* ta' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, peress li saritilhom ħsara bl-elementi.

5.8.6. Il-Kunsill qabel li għandu jitħejja *bill of quantities*, permezz ta' inġinier sabiex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni sad-data tal-għeluq fid-29 ta' April 2021.

5.9.1. **Programm ta' attivitajiet kulturali 2022** **(A/5/5/Vol X)**

5.6.2. Is-Sindku ppropona li l-attivitajiet kulturali għas-sena 2022 jkunu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 23/06/2022 | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ |
| 8, 15, u 22/07/2022 | L-Arti fil-Misraħ |
| 29, 30, u 31/07/2022 | Iljieli Melleħin |
| 15/12/2022 | Jum il-Kunsill |
| 16, 17, u 18/12/2022 | Milied Mellieħi |

5.6.3. Il-Kunsill innuta u approva d-dati msemmija, kif ukoll li dawn għandhom jiġu notifikati lill-għaqdiet tal-lokalità.

### 5.7.1. Okkupazzjoni ta' taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

5.7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li waqa' l-ħajt li jżomm it-taraġ imsemmi, bir-riżultat li dan ingħalaq għall-pubbliku. Hija qalet li rċeviet korrispondenza f'dan is-sens, li ser tgħaddi lis-Segretarjat tal-Kunsill.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li l-korrispondenza tinġieb għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

### 5.8.1. Speed hump fi Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni li l-i*speed hump* li kien hemm fil-bidu tat-triq ta' mar-ramla, baqgħet ma saritx wara li din ġiet asfaltata mill-ġdid.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li dan in-nuqqas għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta.

### 5.9.1. Xogħlijiet fi Triq il-Marfa fl-inħawi tal-Għadira (A/6/3/1/Vol 168)

5.9.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għat-trinka li qed issir fl-Għadira minn kuntrattur imqabbad mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Kompla jgħid li t-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet opposti qed juża żewġ korsiji li normalment jgħaddu minnu vetturi ġejjin mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa. Huwa qal li dawn iż-żewġ korsiji għandhom ikunu separti permezz ta' barrikati bħala gwida għax-xufiera, bil-għan li jiġu evitati kolliżjonijiet.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jiġbed l-attenzjoni ta' Transport Malta dwar il-punt li sar fil-minuta preċedenti.

### 5.10.1. Użu tal-multi-*purpose court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

5.10.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Isports qed jippromwovu l-logħba tal-basketball fost it-tfal li jattendu Club 3-16, permezz ta' sessjonijiet wara li jispiċċaw mill-iskola, bejn it-3:30pm u l-4:30pm. Fil-każ tal-Mellieħa, l-intenzjoni kienet li tintuża l-bitħa tal-Iskola Primarja, iżda l-art l-art li hemm ma tippermettix li jsir dan, u għalhekk qed jintalab li jsir użu mill-*multi-purpose court* li jinsab fil-Park tal-Familja. Is-Sur K. Buttigieg aċċenna li l-ħinijiet indikati ma jaqblux ma' dawk tal-kustodju tal-Park.

5.10.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda qabel li l-Ministeru għandu jagħmel tajjeb għall-ħinijiet oltre dawk koperti mill-orarju tal-kustodju, bl-istess modd kif isir ma' SportMalta.

### 5.11.1. Sessjoni tal-litteriżmu – Aqra Miegħi (E/3/1/14)

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 6 ta' Diċembru 2021, fejn l-Aġenzija Nazzjonali għall-Litteriżmu għarrfet li beħsiebha terġa' tibda s-sessjonijiet għall-familji skont il-linji gwida approvati mid-Dipartmiment tas-Saħħa. L-aġenzija qed tistaqsi jekk il-Kunsill għandux spazju fejn ikunu jistgħu jsiru dawn is-sessjonijiet kull nhar ta' Ġimgħa bejn id-9:30 u l-10:30 am.

5.11.3. Il-Kunsill laqa' it-talba u qabel li dawn jistgħu jibdew mill-4 ta' Frar 2022, bejn id-9:30am u l-10:30am.

### 5.12.1. Manutenzjoni fil-*Playingfield* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

5.12.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li partijiet mit-tapit tal-lastiku fil-*playingfield* imsemmija ddeterjoraw tant li jeħtieġ jinbidlu.

5.12.3. Ittieħdet nota sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

### 5.13.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li l-*mobile blood unit* kien fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2022, bejn it-8:30am sas-1:00pm, filwaqt li kien hemm 23 persuna li taw id-demm. Zjarat fix-xhur li ġejjin ser ikunu fis-6 ta' Marzu, 8 ta' Mejju, 10 ta' Lulju, u 11 ta' Settembru 2022.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.13.4. Il-Kunsill qabel li jekk għal xi raġuni l-unit ma jkunx jista' jiġi pparkjat f'Misraħ il-Parroċċa, dan għandu jitqiegħed fi Triq l-Għoljiet, biswit Ġnejnet l-Emigranti.

### 5.14.1. Użu tal-Librerija Pubblika (L/4/Vol III

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li matul l-2021 ġew mislufa 6,913 ktieb, filwaqt li ġew aċċessati 1,218 *e-books*.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Użu tal-multi-*purpose court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet avviċinata minn omm ta' tifel li weġġa' fil-Park tal-Familja. L-istess persuna lmentat dwar il-fatt li dan kien l-uniku post miftuħ fejn it-tfal setgħu jilgħabu l-ballun. Dan issa tneħħa u ġie okkupat minn *playhouse* li ħadet spazju sostanzjali.

5.15.3. Is-Sur K. Buttigieg ikkummenta li fil-Park tal-Familja hemm tabelli li jindikaw illi ma jistax isir logħob tal-ballun u lanqas ġiri bir-roti. Kompla jgħid li l-post huwa maħsub sabiex jakkomoda diversi attivitajiet fiħ. Qal ukoll li soluzzjoni tista' tkun li jinfetaħ il-*multi-purpose court* waqt li ħinijiet li l-kustodju jkun preżenti.

5.15.4. Il-Kunsillier E. Bartolo li l-*playhouse* tista' tkun maqtugħa għaliha permezz ta' *fence*, għalkemm huwa jaqbel li jista' jiġi wtilizzat il-*multi-purpose court*, bil-mod kif indikat fil-minuta preċedenti. Ippropona wkoll li Triq Ġuże' Flores bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace, tinbidel f'żona pedonali biex jintrebaħ aktar spażju sikur bejn il-Park u Ġnien Dun Anton Debono.

5.15.5. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill approva l-użu tal-*court* waqt il-ħinijiet tal-kustodju, meta ma jkunx hemm attivitajiet oħra skadati. Approva wkoll li l-parti indikata fi Triq Ġuże' Flores għandha tingħalaq għat-traffiku.

### 6.1. Estimi Finanzjarji 2022 wara l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità (F/1/33))

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta' Ċirkulari 01/2022, l-Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għall-2022, ser tkun ftit iktar minn €20,703 aktar minn dik tal-2021 u ser tammonta għal €1,262,341. Din is-somma ġiet supplimentata b'aġġustamenti ta' €7,000 biex jagħmlu tajjeb għal esiġenzi marbuta mal-fatt li l-Mellieħa hija żona turistika. Din ma tingħatax awtomatikament u jkun jeħtieġ li tingħata ġustifikazzjoni permezz ta' infieq relatat matul l-2021. Dan kollu jfisser żieda ta' 2% fuq l-allokazzjoni tal-2021.

6.3. Is-Segretarju rrefera għal-Laqgħa Annwali u staqsa dwar jekk kienx hemm punti li tqajmu illi jitolbu tibdil fl-estimi kif ppreżentati fis-seduta preċedenti.

6.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma kienx hemm punti li jitolbu tibdil fl-estimi kif approvati fis-seduta preċedenti.

## 7.1. Konsultazzjoni pubblika dwar prodotti tal-plastik użati darba (K/6/11)

7.2. Saret referenza għall-imejl datat 15 ta’ Diċembru 2021, fejn l-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent nediet proċess ta’ konsultazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva tal-Unjoni Ewropeja li tittratta s-suġġett t’hawn fuq. Saret referenza wkoll għal dokument li ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill, li jittratta t-traspożizzjoni tal-bqija tal-artikoli tad-direttiva. Huwa għarraf ukoll li saret laqgħa għal dawk interessati direttament proprju waqt li kienet għaddejha din is-seduta. Laqgħa għall-pubbliku kienet skeda għas-16 ta’ Jannar 2021, filwaqt li rappreżentazzjonijiet jistgħu jsiru sad-9 ta’ Frar 2022.

7.3. Is-Sur C. Debono spjega li r-regolamenti li fadal jiġu mplimentati jinvolvu:

- kontenituri magħmula minn plastik użati darba għal ikel li ma jiġix ikkunsmat fuq il-post għandhom ikunu soġġetti għal tariffa mitluba mal-provvista tal-prodotti lill-konsumaturi fejn jinbiegħu, liema tariffa għandha tkun indikata b'mod ċar fir-riċevuta fiskali relatata;

- Mill-1 ta’ Jannar 2023, l-istabbilimenti li jservu l-ikel għandhom joffru:

(i) numru adegwat ta’alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw minflok dawk magħmula minn plastik li jintuża darba, sakemm dan ikun possibbli;

(ii) il-konsumatur jiġi inċentivat sabiex jagħmel użu minn kontenituri li jerġgħu jintużaw;

(iii) Il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati sew b'tali ħlas, u bid-disponibbiltà ta' alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw. l-inċentivi msemmija hawn fuq, kif ukoll u l-fatt li l-ebda ħlas ma jista jiġi impost jekk isir użu minn reċipjenti li jistgħu jintużaw.

Fir-rigward ta' ikel u xorb ikkunsmat fuq il-post f’xi ristorant, bar, kafetteriji, snack bar, lido, inklużi *canteens* fi skejjel, sptarijiet, u kampus, m'għandhomx jiġu servuti f’riċipjenti tal-plastik użat darba mill-1 ta’ Jannar 2023.

Id-direttiva tistabilixxi rekwiżit ġdid fir-rigward ta’ prodotti tax-xorb fi fliexken b'kapaċità sa tliet litri, fejn tgħid li:

(a) Mill-1 ta’ Jannar 2025, il-fliexken PET għandu jkun fihom mill-inqas 25 % ta’ plastik riċiklat, ikkalkulat bħala medja ta' dawk il-fliexken kollha mqiegħda fis-suq nazzjonali; u

(b) Mill-1 ta’ Jannar 2030, il-kontenut tal-plastik riċiklat għandu jiżdied għal 30%, ikkalkulat bħala medja ta’ dawn il-fliexken kollha mqiegħda fis-suq f’Malta.

7.4. Id-direttiva ser tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti tal-plastik użat darba fir-rigward ta’: (i) tal-*pizza lid supports*; (ii) Stikek tal-lollipops; (iii) Stikek tal-kebab; u (iv) *Toothpicks*.

7.5. Prodotti oħra li ser ikunu pprojbiti huma: (i) Xugamani sanitarji (pad); (ii) Filtri wżati għat-titjib ta’ prodotti tat-tabakk; u (iii) Tazzi għax-xorb.

7.6. Il-Kunsill innota l-ispjegazzjoni mogħtija aktar ‘il fuq u kien tal-fehma li għandu jsegwi wkoll il-konsultazzjoni pubblika li ser issir speċifikament għall-partijiet interessat, kif ukoll dik għall-pubbliku in ġenerali. Kemm-il darba jkun hemm punti li jridu jitressqu, dawn għandhom jiġu mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 8.1. Proġett “*Slow Streets*” (T/3/6)

8.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-preżentazzjoni li saret mill-Perit Antoine Zammit dwar il-proġett imsemmi, li huwa mmirat biex jitnaqqas l-impatt ikkawżat mit-traffiku, kif ukoll sabiex jagħti aktar spażju pedonali.

8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm f'seduti preċedenti dwar sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin u għalhekk appella sabiex din it-triq tiġi inkluża fl-iskema. Huwa rrefera wkoll għal ittra datata 4 ta' Jannar 2022 li rċieva f'dan ir-rigward minn resident.

8.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali u Transport Malta sabiex jinbdew kuntatti dwar l-interventi segwenti:

(a) Ħolqien ta' żona pedonali fi Triq Ġużè' Flores, bejn Triq Toni Pace u Triq Pietru Pawl Caruana;

(b) Modifiki fi Triq l-Għerien u fi Triq in-Ninfa Calypso sabiex jitgawda l-ambjent uniku f'dawn il-postijiet, mingħajr ma tiġi affettwata l-art ta' biswithom; u

(c) Miżuri biex titnaqqas il-veloċità tat-traffiku fi Triq il-Qortin.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 14 ta' Jannar 2022.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-items 1 and 2 u qal li bejniethom jinvolvu nefqa ta' €6,525.81 fuq it-tiswija tal-*bollards* li jinsabu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Ġie spjegat li oriġinarjament dawn kienu ġew ipprovduti u nstallati fil-post minn Alberta Fire and Security Equipment Ltd. Għaldaqstant mhemmx alternattiva oħra ħlief li l-partijiet li jridu jinbidlu jiġu pprovduti mill-istess ditta, flimkien max-xogħol meħtieġ.

9.5. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn il-15 u l-31ta'Diċembru 2021.

9.6. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-18 ta' Diċembru u l-14 ta' Jannar 2022.

9.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8:15 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2022 fis-6:00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**